MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 347/2008

Kawza fil-lista: 23

**W Q**
**vs**
**V Q**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur qed jppremetti li l-klawsola numru sitta [6] fil-kuntratt tas-separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet fit-2 ta’ Frar 2007 hija vizzjat bil-qerq u bl-ingann, u ghalhekk qed jitlob, *inter alia*, li din il-Qorti tiddikjara nulla din il-klawsola minhabba vizzju tal-kunsens, tigi revokata u jsir debitament l-att korrettorju;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri li permezz taghha l-konvenuta eccepiet l-inkompetenza ta’ din il-Qorti biex

tiddeciedi l-meritu tar-rikors, stante li dan huwa msejjes fuq disposizzjonijiet tal-ligi li jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti kif stabbilita u delineata bl-Avviz Legali 9/2004, u ccitat kazistika ta' din il-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi mir-rikors guramentat jirrizulta car li l-meritu ta' din il-kawza jsib il-bazi legali tieghu fid-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw il-kuntratti, u precisament dawk li jikkontemplaw il-kazijiet li fil-ligi jirrendu vizzjat, u allura null, kuntratt, kemm *in toto* kif ukoll *in parte*.

F' dan il-kaz l-attur jsostni li l-imsemmija klawsola hija rizultat ta' qerq u ta' ingann, u ghalhekk qed jitlob ir-revoka taghha.

Illi din il-Qorti, filwaqt li taghamel referenza ghall-kazijiet citati mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha ulterjuri, kif ukoll ghal provvedimenti ohra moghtija minnha f' kazijiet ohra simili ghal dak prezenti, taccetta bhala valida fil-ligi l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' din l-eccezzjoni u tiddikjara l-inkompetenza ta' din il-Qorti biex titratta l-meritu tal-imsemmija talba, u tordna li l-process odjern jintbaghat, permezz tal-Registratur tal-Qorti, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi debitament assenjata, u tiddifferixxi l-kawza sine die sakemm tigi assenjata u appuntata quddiem l-Qorti fuq indikata.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------